MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 915/1994/2

**Dennis Tanti**

**vs**

**Salvino Spiteri u Maurice Agius fil-kwalita` rispettiva taghhom ta' President u Segretarju tal-Union Haddiema Maghqudin ghan-nom u fl-interess ta' l-istess Union; u b'nota tas-6 ta' Settembru 1996 Joe Gerada assuma l-atti tal-kawza bhala President tal-Union konvenuta minflok Salvino Spiteri li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Lulju 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa membru ttesserat tal-Union Haddiema Maghqudin;

Illi kien gie elett fil-kariga ta’ Vici President permezz ta’ votazzjoni mehuda mill-konferenza Generali tal-Union konvenuta ai termini ta’ l-artikolu 9(3) ta’ l-Istatut ta’ l-istess Union;

Illi fit-13 ta’ Mejju, 1994 giet imlaqqa’ l-Konferenza Generali Straordinarja tal-Union li ttrattat u approvat mozzjoni li tghid li l-attur ghandu jigi mnehhi mill-kariga ta’ Vici President, u wkoll illi ma jkun jista’ jokkupa ebda kariga statutorja fil-Union, u dan sakemm il-Kunsill Generali tal-Union eventwalment ma jiddecidix mod iehor izda din id-decizjoni m’ghandhiex iddum tapplika ghal aktar minn sentejn;

Illi l-mozzjoni fuq imsemmija tressqet quddiem il-Konferenza Generali Straordinarja wara li diga` kienet giet addottata bhala decizjoni b’vot ta’ maggoranza mill-Kunsill Generali tal-Union f’laqgha li saret fit-12 ta’ April 1994 li ghaliha kienu prezenti tnax-il membru tal-Kunsill mill-hmistax li jiffurmaw l-istess Kunsill, u dan meta a bazi tat-tlieta u ghoxrin elf mija u sbatax-il membru (12,117) dikjarati mill-Union Haddiema Maghqudin fl-ahhar “return” lir-Registratur tat-Trade Unions in-numru attwali ta’ membri fuq il-Kunsill ghandu jkun ta’ mhux inqas minn sebgha u tletin (37) skond ma jispecifikaw l-artikoli 9(2) u 9(5) ta’ l-istatut, f’liema kaz in-numru ta’ tnax-il membru li kienu prezenti ma kienx jikkostitwixxi l-quorum ta’ hamsin fil-mija (50%) u wiehed tal-membri li ghandhom il-vot, liema numru huwa mehtieg ghall-laqghat tal-Kunsill Generali skond l-artikolu 9(12) ta’ l-istatut;

Illi fil-fatt, it-Taqsima Dipartimentali u Parastatali, li hija t-Taqsima bl-akbar numru ta’ membri fil-Union, kellha biss lill-President u s-Segretarju taghha jirrapprezentawha bhala membri tal-Kunsill, meta skond l-artikolu 9(5) ta’ l-Istatut imsemmi suppost li hija rrapprezentata wkoll “b’rapprezentant iehor ghal kull seba’ mija u hamsin (750) membru aktar minn hames mija (500), li jkunu nominati mill-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima”.

Illi ghalkemm il-Konferenza Generali Straordinarja msemmija giet imsejha biex tikkunsidra mozzjoni li kienet giet approvata mill-Kunsill Generali, l-istess Konferenza ma gietx imsejha skond id-diskrezzjoni tal-Kunsill Generali tal-Union kif jipprovdi l-artikolu 8(4)D ta' l-Istatut tal-Union. Dan jirrizulta mill-fatt illi:

(a) l-attur kien gie mgharraf mis-Segretarju Generali tal-Union permezz ta' ittra datata t-13 ta' April, 1994, li l-mozzjoni msemmija kienet fil-fatt diga' giet deciza mill-Kunsill Generali u kif ukoll li d-decizjoni mehuda kienet diga` bdiet issehh;
(b) Fil-laqgha tat-12 ta' April, 1994, il-Kunsill Generali ma ssemmix li l-mozzjoni msemmija kellha titressaq quddiem il-Konferenza Generali Straordinarja.

Illi l-Konferenza Generali Straordinarja msemmija saret bi ksur ta' l-artikolu 9(13) ta' l-Istatut peress li din is-sena l-Kunsill Generali tal-Union naqas li jahtar kumitat ghal li "Standing Orders" li ghandu l-funzjoni li jiehu hsieb l-arrangamenti biex titlaqqa' u titmexxa l-konferenza Generali, li skond li "Standing Orders" tinkludi l-konferenza Generali Straordinarja;

Illi fost id-Delegati li attendew ghall-Konferenza Generali Straordinarja msemmija, u kif ukoll ivvutaw fuq il-mozzjoni, kien hemm min ma kienx eligibbli li jaghmel dan peress li kien aktar minn tliet xhur lura fil-hlas tas-shubija. B'hekk gie miksur l-artikolu 5(5) ta' l-Istatut li jghid espressament li "l-ebda membru ma jithalla jattendi ghal-laqghat statutorji, jivvota jew jokkupa xi kariga fil-Union jekk ikun tliet xhur jew aktar lura fil-hlas" kif ser jigi ppruvat fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Illi waqt il-Konferenza Generali Straordinarja msemmija l-konvenut Segretarju Generali tal-Union u s-Segretarji tat-Taqsimiet minflok ma zammew mas-suggett tal-mozzjoni fid-diskorsi taghhom, infexxew f'attakki personali kontra l-attur b'hekk facilment qeghduh f'dawl ikrah mad-Delegati;

Illi waqt il-Konferenza Generali Straordinarja msemmija s-Segretarju Generali tal-Union qal ripetutament il-kliem “mur ghid lil Evarist Bartolo!” indirizzat lill-attur, b’vuci li setghu jisimghuh id-Delegati. B’hekk huwa seta’ facilment influwenza lid-Delegati politikament kontra l-attur, peress li l-Onorevoli Evarist Bartolo huwa Deputat Parlamentari Laburista;

Illi l-mod kif giet kondotta din il-Konferenza Generali Straordinarja kien bi ksur tal-garanziji minimi li jissalvagwardjaw id-dritt ta’ l-attur ghal smiegh xieraq u tal-principju tal-“audi alteram partem” u kwindi bi ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali;

Talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi tiddikjara li kull decizjoni li ttiehdet mill-Konferenza Generali Straordinarja tal-Union Haddiema Maghqudin kienet bi ksur tal-artikoli sucitati tal-Istatut ta’ l-istess Union u/jew bi ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali u kwindi kienet nulla u minghajr effett u dan senjatament ghal dawk id-decizjonijiet fil-konfront tal-attur u li kienu jirrigwardaw lilu biss.
Bl-ispejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tal-attur fil-Konferenza Generali Straordinarja tat-13 ta’ Mejju 1994 kienet perfettament konformi ma kull dispost tal-istatut tal-Union konvenuta.
2. Illi l-principji ta’ “smieh xieraq” u ta’ gustizzja naturali invokati mill-attur jattjenu biss ghall-awtoritajiet gudizzjarji u kwazi gudizzjarji, u mhux ghall-assemblei popolari.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Avukat Dottor Maria

Dolores Gauci sabiex tiehu x-xiehda u tircievi dokumenti prodotti;

Rat il-verabli kollha tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

**Provi**

**L-attur** xehed li fit-30 ta' Marzu, 1994, inzammet laqgha tal-Kunsill Generali tal-UHM sabiex tigi diskussa mozzjoni tas-7 ta' Marzu, 1994, imressqa mis-Segretarji tat-Taqsimiet tal-Union, liema mozzjoni l-attur esebixxa bhala Dok. DT, u li kienet fost affarijiet ohra talbet ir-rizenja mmedjata tieghu minn Vici-President u minn Membru tal-Kunsill, kif ukoll li hu jigi inibit milli jokkupa kull kariga statutorja sakemm il-Kunsill ma jiddecidix mod iehor. Imbaghad wara emenda mressqa minn Maurice Agius, il-Kunsill fil-laqgha tat-12 ta' April, 1994, laqa' din il-mozzjoni, b'dana li l-attur kellu jigi mmedjatament mnehhi mill-kariga tieghu u jigi inibit ghal zmien ta' sentejn milli jzomm kull kariga ohra statutorja.  Tali tnehhija mill-inkarigu tieghu seta' biss sar permezz ta' Konferenza Generali.  L-ebda kumment ma sar minn dawk prezenti li kellha titlaqqa' l-Konferenza Generali.

Imbaghad fl-ittra tieghu tat-13 ta' April, 1994, Maurice Agius informah bid-decizjoni li l-attur gie mnehhi mill-kariga tieghu b'effett immedjat.

Wara protest gudizzjarju (Dok. DT 1) li l-attur intavola kontra l-istess Union fit-13 ta' April 1994, huwa pprezenta kawza fit- 22 ta'April, 1994, u l-ghada Maurice Agius informa lill-Medical Stores fl-Isptar San Luqa li kellha ssir Konferenza Generali.  Dan kien proprju qabel ma kienu gew maghzula d-delegati ghal dik il-Konferenza.  Fl-4 ta' Mejju, 1994, intbaghat avviz Dok. DT3 lid-delegati, minghajr ma giet riprodotta l-mozzjoni.  Id-delegati gew maghzula bil-ghagla u minghajr ma gie wkoll osservat l-art. 9(13) ta' l-istatut.

Sussegwentement, waqt zjara li l-attur ghamel fil-Headquarters tal-Union, Maurice Agius ghaddielu l-onorarja ghax-xahar ta' Mejju sal-jum li saret il-Konferenza Generali u li kienet iddecidiet li kellu jitnehha mill-kariga ta' Vici-President. Skond l-attur kien hemm diversi rregolaritajiet u ksur ta' l-istatut f'dik il-Konferenza. Huwa nterpreta d-decizjoni li tissejjah il-Konferenza Generali u jithallas l-onorarja kienu ntizi biex isir tentattiv biex titghatta d-decizjoni tal-Kunsill li huwa kellu jitnehha b'effett immedjat.

**Maurice Agius** qal li meta tkun ser issir il-Laqgha Generali Annwali, hu kien jikteb lis-sezzjonijiet sabiex jigu nominati d-delegati. Ghal dak li kien jirrigwarda l-Konferenza Generali Straordinarja in kwistjoni, hu kien kiteb lis-Segretarji tat-Taqsimiet sabiex jinfurmahom bid-data tat-13 ta’ Mejju, 1994, ghad-diskussjoni tal-mozzjoni ghat-tnehhija ta’ l-attur mill-kariga tieghu, liema mozzjoni kienet diga` tressqet mis-Segretarji tat-Taqsimiet quddiem il-Kunsill u ghaddiet wara emenda tieghu. Dawk is-Segretarji mbaghad kellhom jinfurmawh bl-ismijiet tad-delegati taghhom rispettivi ghall-fini tal-Konferenza. Is-Sezzjonijiet kienu allokati s-segwenti numru ta’ delegati:

Korpi parastatali wiehed u erbghin (41) delegat
Taqsima Servizzi Generali hmistax-il (15) delegat
Taqsima fl-Isptarijiet erbatax-il (14) delegat
Taqsima lukandi, restoranti, ikel u xorb ghaxar (10) delegati
Taqsima manifattura, industrija u haddiema tmien (8) delegati

Dawn kien rikjest minnhom li jkollhom it-tesserament imhallas u dan hu kien ikkonfermah. Sussegwentement fil-Konferenza kien hemm *quorum* skond kif mehtieg. Pero` ma kienx gie appuntat kumitat sabiex jigu mfassla lis-*standing orders*. Dan peress li l-kumitat kien biss rikjest ghall-Konferenza Generali Annwali. Ix-xhud ma setax jiftakar jekk kinux gew appuntati *returning officers* u *voting electoral officers*.

Id-decizjoni fir-rigward ta’ l-attur kienet giet mis-sehh mid-data tal-Konferenza fejn kien prezenti wkoll l-istess attur u fejn kien hemm vot sigriet. Dak li hu kien kiteb fl-ittra Dok. DT2 kien zball da parti tieghu. Fil-fatt l-attur kien kompla jircievi l-onorarja sad-data tal-Konferenza.

**Elvis Gauci** xehed li hu kien delegat fil-laqgha li kienet saret ghat-tnehhija ta’ l-attur mill-kariga tieghu. Hu ma kellux is-shubija mhallsa, izda xorta wahda kien ippartecipa fil-vot.

**Noel Casha** qal li hu kien prezenti ghal-laqgha fejn gie deciz li l-attur jitnehha mill-kariga tieghu. Hu kien fil-fatt dak iz-zmien jaghmel parti mill-Kunsill. Il-mozzjoni kien fizikament ressaqha Gaetano Tanti, b’dana pero` li attwalment kienet tressqet minn grupp ta’ segretarji tat-Taqsimiet. Dakinhar hu kien fehem li t-tnehhija kellha tkun b’effett immedjat u ma kien sar l-ebda diskors li l-mozzjoni kellha titressaq quddiem il-Konferenza. Ma ftakarx li kien hemm xi standing committee mahtur ghal konferenza generali u qal li li jahseb li l-istanding committee tal-laqgha generali ta' qabel kien ghadu in vigore. Qal li dan il-committee jirregola l-proceduri tal-laqgha generali.

**Gaetano Tanti** spjega li fid-data li kienet giet ipprezentata c-citazzjoni, hu kien assistent segretarju generali tal-Union. Ghal dak li kien jirrigwarda l-Konferenza, id-delegati kienu gew notifikati permezz ta’ cirkolari li harget minghand is-Segretarju ta’ dak iz-zmien, Maurice Agius, fl-4 ta’ Mejju, 1994. Dan ukoll sabiex jigi accertat jekk il-membri kinux hallsu, u dan peress li l-membri kienu jigi mitluba jhallsu fl-ahhar tax-xahar. Meta kienu kkonfermaw f’April il-hlas dovut minghand Elvis Gauci, kien irrizulta li dan kien tliet xhur b’lura u ghalhekk kien intitolat li jivvota, b’dana pero` li fid-data tal-Konferenza kienu skadew it-tliet xhur.

**Nota ta’ Osservazzjonijiet ta’ l-attur**

L-attur spjega li l-istatut ta’ ghaqda hu kuntratt bejn dik l-ghaqda u l-imsiehba taghha, anzi kuntratt sinallagmatiku ai termini ta’ l-art. 961 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’riferenza ghax-xiehda moghtija minn Gaetano Tanti, u ghal dik moghtija minn Maurice Agius, l-attur spjega li tieghu kienet aktar lucida u ta’ l-ohrajn pjuttost neboluza u evasiva, intiza sabiex jigi gustifikat l-izball taghhom.
It-tnehhija ta’ l-attur mill-kariga tieghu kienet fl-ambitu tal-poteri tal-Konferenza Generali Straordinarja, li lanqas ma setghet tasal sabiex tirratifika decizjoni mehuda minn Kunsill Generali. Fil-fatt dak il-Kunsill kien diga` ddecieda l-kwistjoni u lanqas ma kien intenzjonat li l-mozzjoni titressaq quddiem il-Konferenza. Imbaghad sahansitra dik il-Konferenza giet mghajjta bi ksur ta’ l-istatut ghaliex thallew jivvotaw persuni li ma kinux regolari fil-hlas tas-shubija ai termini ta’ l-art. 5(5) ta’ l-istatut. Elvis Gauci kien xempju ta’ dan, kif ukoll Gaetano Tanti. Kien hemm ukoll ksur ta’ l-art. 9(13) ta’ l-Istatut li kien jirrikjedi l-hatra ta’ kumitat ghat-tmexxija ta’ dik il-Konferenza.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-principji ta’ gustizzja naturali kienu biss applikabbli fil-kamp gudizzjarju u kawzi gudizzjarji, l-attur ikkontenda li dawn ukoll kellhom importanza fil-kamp ta’ organizzazzjoni socjali u politika, u wkoll fi proceduri extra gudizzjarji bhal dawk li qeghdin jigu attakkati fil-kawza odjerna. Il-kawza li Dr. Albert Ganado LL.D. kien ghamel kontra l-Partit Nazzjonalista fis-sittinijiet kienet mera ta’ dan.

L-art. 9(1)(k) ta’ l-Istatut kien ukoll jissoda din is-supposizzjoni ta’ l-attur li kellu jinghata d-dritt li jiddefendi ruhu. Wara kollox hawn kien hemm kwistjoni ta’ dixxiplina.

**Nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti**

Il-konvenuti spjegaw li l-eccezzjonijiet taghhom kienu bbazati fuq zewg kwistjonijiet.

Huma spjegaw ghal dak li kien jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni taghhom, li d-decizjoni mehuda fil-konfront ta’ l-attur kienet ittiehdet konformament ma’ kull provvediment ta’ l-istatut. Kien gie pruvat ampjament li d-

decizjoni ma kinitx giet fis-sehh immedjatament wara d-decizjoni tal-Kunsill ghaliex Maurice Agius ammetta li hu kien ghamel zball u wkoll ghaliex l-attur kien baqa' jithallas l-onorarja tieghu sad-data tal-Konferenza Generali. Inoltre, ma kien hemm xejn fil-provi migjuba li seta' jindika li l-proceduri rikjesti mill-istatut ma kinux gew segwiti. Dan inkluz l-eligibilita` ghall-votazzjoni u l-hatra ta' delegati.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-allegazzjoni ta' l-attur li ma kinux gew applikati l-principji ta' gustizzja naturali meta ttiehdet id-decizjoni ghat-tnehhija tieghu, huma sostnew li dawk il-principji kienu biss applikabbli f'kuntest gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju u mhux ghal assemblea popolari bhal dik rapprezentata. Din kellha biss funzjoni amministrattiva u biss funzjoni ta' appell fil-kaz li l-attur kien irrikorra ghandha sabiex tigi riveduta d-decizjoni tat-tnehhija tal-Kunsill Generali.

**Konsiderazzjonijiet u konkluzjoni**

Fic-citazzjoni tieghu l-attur qed isostni li kull decizjoni mehuda mill-Konferenza Generali Straordinarja fil-konfront tieghu, kienet ittiehdet bi ksur ta' diversi artikoli ta' l-Istatut tal-UHM (kopja pprezentata minnu stess bhala UM1) u/jew bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. B'hekk hu talab li tali decizjoni tigi ddikjarata nulla u minghajr effett minn din il-Qorti.

Min-naha taghhom il-konvenuti rribattew il-pretensjonijiet attrici stante li d-decizjoni mehuda fil-konfront ta' l-attur kienet konformi ma' l-Istatut ta' l-ghaqda u li l-principji tal-gustizzja naturali ma kinux applikabbli ghall-assemblei popolari, izda ghal awtoritajiet gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji.

L-ewwel eccezzjoni

1. Skond is-subart. 5(2), il-hlas tas-shubija ghandha tithallas kull xahar. Imbaghad is-subart. (5) ta' l-istess art. ighid li *'L-ebda membru ma jithalla jattendi ghall-laqghat statutorji, jivvota jew inkella jokkupa xi kariga fil-Union jekk ikun sitt xhur jew aktar lura fil-hlas'*.

Il-Konferenza Generali Straordinarja

2. L-attur qieghed isostni li din ma kinitx giet imsejha skond id-diskrezzjoni tal-Kunsill Generali kif rikjest mis-subart. 8(4)D ta' l-Istatut ghaliex hu kien diga` gie mgharraf permezz ta' ittra tat-13 ta' April, 1994, bid-decizjoni tal-Kunsill u li din kienet diga` fis-sehh, **u** waqt il-laqgha tal-Kunsill Generali tat-12 ta' April, 1994, ma kienx gie msemmi l-fatt li l-mozzjoni kienet ser titressaq quddiem il-Konferenza.

3. Maurice Agius fix-xiehda tieghu tat-3 ta' Settembru, 1996, qal ghal dak li kien jirrigwarda l-ittra tat-13 ta' April, 1994, li *'Jiena l-kliem "b'effett immedjat" nizzilthom hekk ghax gewni f'mohhi, zball tieghi'*. B'hekk jirrizulta li attwalment id-decizjoni li ttiehdet mill-Kunsill Generali ma kellhiex tigi in vigore immedjatament, izda kellha titressaq quddiem il-Konferenza Generali (ara wkoll xiehda ta' Maurice Agius li jghid *'Fir-realta` l-attur kien prezenti ghal-laqgha meta l-konferenza iddecidiet dak li iddecidiet fil-konfront tieghu. Dan kien gie deciz on the 12th'*). Imbaghad ma jirrizultax ikkontestat mill-partijiet il-fatt li t-tnehhija ta' l-attur mill-kariga tieghu kienet is-suggett tal-mozzjoni diskussa fil-Konferenza Generali tat-13 ta' Mejju, 1994. Ukoll l-attur fis-seduta tal-24 ta' Lulju, 1995, xehed li hu kien ircieva l-onorarja spettanti lilu bhala Vici-President sad-data tad-decizjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja. Din il-Qorti ghalhekk ma ssibx gustifikata l-ewwel pretensjoni ta' l-attur kif imfissra f'para 2 hawn fuq.

4. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni pretensjoni tieghu, skond is-subart. 8(4) ta' l-Istatut, ghandha ssir Konferenza Generali Straordinarja fi zmien xahar wara li tigi mressqa talba bil-miktub mill-Kunsill Generali skond id-diskrezzjoni tieghu. Il-konvenuti mhux biss ma ressqu l-ebda prova li l-Kunsill Generali kien iddecieda li jressaq il-mozzjoni quddiem il-Konferenza Generali, izda lanqas ma ressqu prova li kienet saret sejha bil-miktub xahar qabel ghas-sejha tal-Konferenza.

Kumitat ghal *standing orders*

5. L-attur allega li l-ebda Kumitat ghal *Standing Orders* gie mahtur qabel ma giet imsejjha l-Konferenza Generali Straordinarja. Is-subart. 9(13) ta' l-Istatut jipprovdi li l-Kunsill Generali ghandu jahtar Kumitat kull sena sabiex dan jiehu hsieb lis-*standing orders*, kif ukoll li jikkordina, fost affarijiet ohra, il-laqghat tal-Konferenza Generali. Dan il-provvediment, kuntrarjament ghal dak li jghid Maurice Agius fix-xiehda tieghu tat-3 ta' Settembru, 1996, hu applikabbli ghal-laqghat kollha tal-Konferenza Generali. Jekk dan ma jkunx hekk, allura tezisti lacuna u anomalija. B'hekk meta ma nhatarx tali Kumitat qabel il-laqgha tal-Konferenza Generali, kien hemm ksur tas-subart. 9(13) ta' l-Istatut.

Id-Delegati

6. L-attur qed jippretendi li kien hemm ukoll ksur tas-subart. 5(5) ta' l-Istatut stante li kien hemm delegati li attendew ghall-Konferenza Generali Straordinarja li kienu aktar minn tliet xhur lura fil-hlas tas-shubija. L-unika prova li hu ressaq sabiex jissostanzja din il-pretensjoni kienet ix-xiehda ta' Elvis Gauci li kien hallas is-shubija sa l-ahhar ta' Dicembru, 1993. Is-subartikolu msemmi jirrikjedi perijodu ta' sitt xhur u mhux ta' tliet xhur, u ghalhekk il-pretensjoni ta' l-attur ma tistax tigi accettata.

Quorum fil-laqgha tal-Kunsill

7. L-attur isostni li l-*quorum* mehtieg mis-subart. 9(12) sabiex jiltaqa' l-Kunsill Generali ma kienx intlehaq fil-laqgha tat-12 ta' April, 1994, meta kienet ittiehdet id-decizjoni ghat-tnehhija tieghu. L-art. 9(2) jipprovdi li l-Kunsill hu maghmul minn ufficjali tal-Union, cioe` il-President, il-Vici-President, is-Segretarju-Generali u s-Segretarju Finanzjarju u membri ohra rapprezentanti d-diversi Taqsimiet tal-Union. Tali rapprezentanti, skond is-subart. 9(5), huma l-President u s-Segretarju tat-Taqsima relattiva, flimkien ma' rapprezentant iehor ghal kull hames mitt (500) membru izjed mill-ewwel hames mija nominat mill-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima. Issa l-attur fic-citazzjoni tieghu sostna li b'hekk abbazi tat-tlieta u ghoxrin elf mija u sbatax-il (23,117) membru tal-UHM, kellu jkun

hemm minimu ta’ sebgha u tletin (37) membru fil-Kunsill. Dan ghaliex skond is-subart. 9(12), il-*quorum* tal-laqghat tal-Kunsill hu ta’ hamsin fil-mija (50%) u wiehed tal-membri li huma ntitolati ghal vot. Min-naha taghhom il-konvenuti ma gabu l-ebda prova u ma ressqu l-ebda raguni sabiex in-nuqqas jigi gustifikat u ghalhekk il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma’ l-attur fuq dan il-punt. Lanqas ma taqbel mat-tezi tal-konvenuti li n-nuqqas ma jrendix il-Kunsill Generali irregolari ghaliex is-subart. 9(5) juza l-kelma ***‘ghandha’.*** Jinghad ukoll li bhala rizultat ta’ dan in-nuqqas, kien hemm ksur tas-subartikolu 9(11) li jiddetermina li d-decizjonijiet tal-Kunsill ghandhom jittiehdu b’vot ta’ maggoranza.

It-tieni eccezzjoni

8. Din l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi milqugha. Din il-Qorti aqbel li l-principji ta’ gustizzja naturali jistghu biss ikunu applikati ghar-rigward ta’ entitajiet gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji. Il-kaz odjern jirrigwarda sitwazzjoni fejn kienet qieghda titlaqqa’ Konferenza Generali ta’ ghaqda ghall-fini li tigi diskussa mozzjoni ghat-tnehhija ta’ l-attur mill-kariga tieghu ta’ Vici-President, u sussegwentement sabiex tittiehed decizjoni dwarha. Il-Qorti tosserva (kif ukoll osservaw il-konvenuti) li l-attur lanqas ipprezenta l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kunsill quddiem il-Konferenza Generali, ghaliex forsi mbaghad kien ikun hemm sitwazzjoni ta’ sembjanza ta’ entita` kwazi-gudizzjarja. Anzi jinghad li hu stess jikkummenta li l-istatut *‘huwa kuntratt bejn dik l-ghaqda u l-imsiehba taghha. Anzi jista’ jinghad li tali cirkostanzi joholqu dak li f’artikolu 961 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li hu kuntratt “sinallagmatiku”*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom, tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara li kull decizjoni li ttiehdet mill-Konferenza Generali Straordinarja tal-Union Haddiema Maghqudin fil-konfront tieghu biss kienet bi ksur tal-artikoli sucitati ta' l-Istatut ta' l-istess Union u kwindi nulla u

minghajr effett. Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwint mill-attur u erba' kwinti mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------